Għandu jitħallas dritt ta' Lm3 għal kull dokument ta' din l-offerta.

E/DPS/T/5/2005. *Portable flue gas analyser*

Għandu jitħallas dritt ta' Lm3 għal kull dokument ta' din l-offerta.

Kategorija Ċ – Stmati bejn Lm20,001 u *EU Threshold* (EUR 400,000) – Jagħlqu fid-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Furjana

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, is-26 ta' April, 2005, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

E/E/T/16/2005. *Shunt reactors for Mosta D.C.*

Għandu jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull dokument ta' din l-offerta.

Kategorija D – Stmati bejn *EU Threshold* (EUR 400,000) u Lm249,999 – Jagħlqu fid-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Furjana

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, is-17 ta' Mejju, 2005, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

E/E/T/PC3/11/2005. *Shielded distribution boards*

Sealed tenders will be received at Enemalta's Marsa tender box up to 11.00 a.m. of Wednesday, 27th April, 2005, for:–

E/E/T/23/2005. Metal halide floodlights

A fee of Lm3 should be paid for each copy of this tender document.

E/E/T/24/2005. PVC tape, polisebutylene tape and plastic warning tape

A fee of Lm3 should be paid for each copy of this tender document.

E/E/T/PC2/27/2005. Period contract for the supply and installation of fire detection and alarm system at Enemalta sites

A fee of Lm3 should be paid for each copy of this tender document.

Sealed tenders will be received at Enemalta's Marsa tender box up to 11.00 a.m. of Wednesday, 4th May, 2005, for:–

E/DPS/T/4/2005. Flue gas isokinetic dust sampler

A fee of Lm3 should be paid for each copy of this tender document.

E/DPS/T/5/2005. Portable flue gas analyser

A fee of Lm3 should be paid for each copy of this tender document.

Category C – Estimated between Lm20,001 and EU Threshold (EUR 400,000) – Closing at Contracts Department, Floriana

Sealed tenders will be received at Department of Contracts, Floriana, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 26th April, 2005, for:–

E/E/T/16/2005. Shunt reactors for Mosta D.C.

A fee of Lm50 should be paid for each copy of this tender document.

Category D – Estimated between EU Threshold (EUR 400,000) and Lm249,999 – Closing at Contracts Department, Floriana

Sealed tenders will be received at Department of Contracts, Floriana, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 17th May, 2005, for:–

E/E/T/PC3/11/2005. Shielded distribution boards

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' din l-offerta.

Kategorija E – Stmati 'il fuq minn Lm250,000 – Jagħlqu fid-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Furjana ***- 3 Envelope Procedure***

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, id-19 ta' April, 2005, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

E/E/T/PC3/2/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *distribution transformers*

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull dokument ta' din l-offerta.

Bid-bond ta' Lm10,000 għandu jintbagħat ma' l-offerta msemmija hawn fuq.

Offerti li ma jkollhomx magħhom id-dettalji u/jew kampjuni tekniċi relevanti meta jkunu mitluba fl-ispeċifikazzjoni jistgħu ma jiġux ikkunsidrati.

Il-formoli kollha ta' l-offerti/kwotazzjonijiet u dokumenti relatati kollha jistgħu jinkisbu mill-Korporazzjoni Enemalta, Bini ta' l-Amministrazzjoni Ċentrali, il-Moll tal-Knisja, il-Marsa, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-5 ta' April, 2005

A fee of Lm10 should be paid for each copy of this tender document.

Category E – Estimated above Lm250,000 – Closing at Contracts Department, Floriana - 3 Envelope Procedure

Sealed tenders will be received at Department of Contracts, Floriana, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 19th April, 2005, for:–

E/E/T/PC3/2/2005. Period contract for the supply of distribution transformers

A fee of Lm25 should be paid for each copy of this tender document.

A bid-bond of Lm10,000 is to be submitted with the above tender.

Offers unaccompanied by the relevant technical literature and/or sample, when so required in the specification, may not be considered.

All forms of tenders/quotations and all related documents may be obtained from Enemalta Corporation, Central Administration Building, il-Moll tal-Knisja, Marsa, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

5th April, 2005

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TA' L-ILMA

Iċ-*Chief Executive*, Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' April, 2005, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WSC/T/27/2005. Kiri ta' *backactor/trencher* għal *wastewater unit.*

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. WSC/T/28/2005. *Reinstatement* ta' fetħiet f' toroq wara xogħlijiet magħmula mill-Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull dokument ta' l-offerta.

WATER SERVICES CORPORATION

The Chief Executive, Water Services Corporation, notifies that:–

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa, by not later than 10.00 a.m. on Friday, 15th April, 2005 for:-

Advt. No. WSC/T/27/2005. Hire of a backactor/trencher for wastewater unit.

A fee of Lm10 will be charged for each tender document.

Advt. No. WSC/T/28/2005. Reinstatement of openings in roads following works undertaken by the Water Services Corporation.

A fee of Lm15 will be charged for each tender document.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' April, 2005, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

*Avviż Nru. WSC/T/31/2005. Xogħlijiet ta' drenaġġ prinċipali fi Triq Ta' Rqajja', Ħal Safi.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, is-26 ta' April, 2005, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/26/2005. *Manholes* u *frames* tal-ħadid fondut.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull dokument ta' l-offerta.

Id-data ta' l-għeluq ta' dan l-avviż reġgħet ġiet estiża mit-Tlieta, id-19 ta' April, 2005.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Erbgħa, is-27 ta' April, 2005, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WSC/T/30/2005. Kiri ta' *bowser* għat-tbattil tal-fossa fil-Baħrija.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, it-28 ta' April, 2005, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

*Avviż Nru. CT/WSC/T/32/2005. *Knife gate valves.*

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' April, 2005, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WSC/T/29/2005. *Sidewalk stopcock covers.*

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-*Cash Office,*

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa, by not later than 10.00 a.m. on Friday, 22nd April, 2005 for:-

*Advt. No. WSC/T/31/2005. Main sewer works at Triq Ta' Rqajja', Safi.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 26th April, 2005 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/26/2005. Cast iron manholes and frames.

A fee of Lm15 will be charged for each tender document.

The closing datefor this tender is being extended once more from Tuesday, 19th April, 2005.

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa, by not later than 10.00 a.m. on Wednesday, 27th April, 2005 for:-

Advt. No. WSC/T/30/2005. Hire of bowser for the emptying of Baħrija cesspit.

A fee of Lm10 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Thursday, 28th April, 2005 for:-

*Advt. No. CT/WSC/T/32/2005. Knife gate valves.

A fee of Lm10 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa, by not later than 10.00 a.m. on Friday, 29th April, 2005 for:-

Advt. No. WSC/T/29/2005. Sidewalk stopcock covers.

A fee of Lm10 will be charged for each tender document.

*Advertisements appearing for the first time

Forms of tenders may be obtained from the Cash Office,

Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, Ħal Luqa, u aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' dawn l-offerti jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-Kuntratti u *Purchasing*, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa LQA 05, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-5 ta' April, 2005

Water Services Corporation, Luqa, and further information regarding the conditions of these tenders may be obtained from the Contracts and Purchasing Office, Triq Ħal Qormi, Luqa LQA 05, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

5th April, 2005

FORZI ARMATI TA' MALTA

Il-Kmandant, Forzi Armati ta' Malta, jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, is-26 ta' April, 2005, fl-Uffiċċju tal-Finanzi, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

AFM Avviż Nru. 11/05. Provvista u twaħħil ta' *profiled metal doors, expanded metal, security grills* u twieqi ta' l-aluminju ġewwa uffiċini u maħżen tal-Forzi Armati ta' Malta ġewwa *Safi Barracks,* Ħal Safi.

Il-formoli ta' l-offerti u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Finanzi, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Il-5 ta' April, 2005

ARMED FORCES OF MALTA

The Commander, Armed Forces of Malta, notifies that:–

Sealed tenders will be received by the Finance Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Luqa, up to noon of Tuesday, 26th April, 2005, for:–

AFM Advt. No. 11/05. Supply and fixing of profiled metal doors, expanded metal security grills and aluminiumwindows at Armed Forces of Malta's offices and stores at Safi Barracks, Safi.

Forms of tenders and further information may be obtained from the Finance Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Luqa, during any working day between 7.00 a.m and 4.00 p.m.

5th April, 2005

DIPARTIMENT TAL-BINI U TISWIJA TA' DJAR

Id-Direttur tal-Bini u Tiswija ta' Djar jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' April, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 423. Provvista ta' servizzi ta' *quantity surveying* f'91, Triq il-Merkanti, Valletta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm3 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerti u aktar informazzjoni jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts* u *Procurement,* Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi OC, Sta Venera, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jitniżżlu wkoll minn www.mfss.gov.mt jew www.welfare.gov.mt.

Il-5 ta' April, 2005

DEPARTMENT OF HOUSING CONSTRUCTION AND MAINTENANCE

The Director of Housing Construction and Maintenance notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Friday, 8th April, 2005 for:–

Advt. No. 423. Provision of quantity surveying services at 91, Triq il-Merkanti, Valletta.

A fee of Lm3 is to be paid for every copy of tender document.

Forms of tenders and further information may be obtained from the Accounts and Procurement Section, Department of Housing Construction and Maintenance, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi OC, Sta. Venera on any working day between 8.30 a.m. and noon.

The tender documents may also be downloaded from www.mfss.gov.mt or www.welfare.gov.mt.

5th April, 2005

WASTESERV MALTA LTD.

Iċ-*Chief Executive Officer,* WasteServ Malta Ltd, jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' April, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin fil-WasteServ Malta Ltd, Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, għal:–

Avviż Nru. WSM/014/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' servizzi ta' *analytical testing*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu flimkien ma' aktar tagħrif meħtieġ mill-uffiċċju msemmi hawn fuq f'kull ġurnata tax-xogħol bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar.

Il-5 ta' April, 2005

WASTESERV MALTA LTD.

The Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, notifies that:–

Sealed tenders will be received at the offices of WasteServ Malta Ltd at Phoenix Building, Old Railway Track, Santa Venera, by not later than noon on Friday, 8th April, 2005, for:–

Advt. No. WSM/014/2005. Period contract for the provision of analytical testing services.

A fee of Lm20 will be charged for each tender document.

Forms of tenders may be obtained together with any further information required from the above-mentioned office on any working day between 9.00 a.m. and noon.

5th April, 2005

AWTORITÀ TAT-TURIŻMU TA' MALTA

Iċ-*Chairman* Eżekuttiv jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, id-19 ta' April, 2005 mill-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, Auberge D'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. MTA/114/2005. Provvista u twaħħil ta' arbli ta' l-azzar galvanizzat tad-dawl fil-Bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan.

Avviż Nru. MTA/115/2005. Servizzi ta' tindif ġenerali għal perjodu ta' sena.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull dokument ta' l-offerta li jinġabar. Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju taċ-*Chairman,* Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, Auberge d'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta CMR 02.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku f'nofsinhar tat-Tlieta, id-19 ta' April 2005 fl-Uffiċċju taċ-*Chairman* Eżekuttiv, l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta.

L-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta għandha d-dritt li tagħżel dik l-offerta li fil-fehma tagħha tirrapreżenta l-iżjed offerta vantaġġjuża għal bżonnijiet ta' l-Awtorità.

Il-5 ta' April, 2005

MALTA TOURISM AUTHORITY

The Executive Chairman notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Malta Tourism Authority, Auberge d'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta by not later than noon of Tuesday, 19th April, 2005 for:

Advt. No. MTA/114/2005. Supply and fixing of galvanised steel lamp posts at St. George's Bay, St. Julians.

Advt. No. MTA/115/2005. General cleaning services for a period of one year.

A fee of Lm20 is payable upon collection of each of the relevant tender documents. Tender documents may be collected from The Chairman's Office, Malta Tourism Authority, Auberge D'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta CMR 02.

The tender documents will be opened in public on Tuesday, 19th April 2005 at noon in The Executive Chairman's Office, Malta Tourism Authority.

The Malta Tourism Authority reserves the right to choose that offer which in its sole discretion represents the most advantageous tender for the needs of the Authority.

5th April, 2005

AWTORITÀ MALTIJA DWAR IT-TRASPORT

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-12 ta' April, 2005 fil-kaxxa ta' l-offerti fid-Direttorat tan-*Network Infrastructure* (Direttorat tat-Toroq), Triq Sa Maison, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 3. Titjib u xogħlijiet ta' tiswija fil-karreġjata tat-toroq prinċipali - Reġjun tat-Tramuntana.

Avviż Nru. 4. Titjib u xogħlijiet ta' tiswija fil-karreġjata tat-toroq prinċipali - Reġjun tan-Nofsinhar.

Avviż Nru. 5. Titjib u xogħlijiet ta' tiswija fil-karreġjata tat-toroq prinċipali - Reġjun tal-Lvant.

Avviż Nru. 6. Titjib u xogħlijiet ta' tiswija fil-karreġjata tat-toroq prinċipali - Reġjun tal-Punent.

Avviż Nru. 7. Titjib u xogħlijiet ta' tiswija fil-karreġjata tat-toroq prinċipali - Reġjun Ċentrali.

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mid-Direttorat tan-*Network Infrastructure* f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar bil-ħlas ta' Lm50.00.

Il-5 ta' April, 2005

THE MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Chairman notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Network Infrastructure Directorate (Roads Directorate), Triq Sa Maison, Floriana, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 12th April, 2005, for:-

Advt. No. 3. Upgrading and repair works to carriage ways on main roads - North Region.

Advt. No. 4. Upgrading and repair works to carriage ways on main roads - South Region.

Advt. No. 5. Upgrading and repair works to carriage ways on main roads - East Region.

Advt. No. 6. Upgrading and repair works to carriage ways on main roads - West Region.

Advt. No. 7. Upgrading and repair works to carriage ways on main roads - Central Region.

Forms of tender document may be obtained from the Network Infrastructure Directorate on any working day between 8.30 a.m. and noon at a fee of Lm50.00.

5th April, 2005

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Ir-Rettur jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, l-4 ta' Mejju, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. UM/1133. Alterazzjonijiet ta' latrini eżistenti fil-Bini l-Qadim tal-*Humanities* - l-Università ta' Malta, biex jiġu akkomodati faċilitajiet għal persuni b'diżabilità.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5.25 (inkluża l-VAT) għal kull dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kondizzjonijiet relativi u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Purchasing* u *Supplies,* Dipartiment tal-Finanzi, l-Università ta' Malta, l-Imsida, (Kamra 316A, Bini ta' l-Amministrazzjoni) f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Il-ħlas għandu jsir fil-*Cash Office,* Bini ta' l-Amministrazzjoni, matul l-istess ħinijiet.

Il-pubbliku jista' jattendi matul il-ftuħ u l-għoti ta' l-offerti nhar l-Erbgħa, l-4 ta' Mejju, 2005, fl-10.15 a.m. f'Kamra 300A, Bini ta' l-Amministrazzjoni, l-Università ta' Malta, l-Imsida.

Il-5 ta' April, 2005

UNIVERSITY OF MALTA

The Rector notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 4th May, 2005, for:-

Advt. No. UM/1133. Alterations to existing toilets at the Old Humanities Building - University of Malta, to accomodate disabled facilities.

A document fee of Lm5.25 (inclusive of VAT) should be paid.

Tenders should be made only on the prescribed form, which together with the relative conditions and other documents may be obtained from the Purchasing and Supplies Section, Finance Department, University of Malta, Msida, (Room 316A, Administration Building) on any working day between 8.30 a.m. and noon. Payment should be effected at the Cash Office, Administration Building, during the same times.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders on Wednesday, 4th May, 2005 at 10.15 a.m. in Room 300A, Administration Block, University of Malta, Msida.

5th April, 2005

ORGANIZZAZZJONI TA' L-EUROCONTROL

L-Organizzazzjoni ta' l-Eurocontrol tgħarraf illi:-

Sa nhar it-Tnejn, it-18 ta' April, 2005, it-Taqsima tal-*Procurement* u Ftehim Speċjali ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Eurocontrol tilqa' offerti għal:–

Avviż Nru. AO/05/HQ/SS/05. Pożizzjoni ta' *Contract Manager*.

Il-formoli ta' l-offerta u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu sat-8 ta' April 2005 mingħand Ms Sandrine Segers, Taqsima tal-*Procurement* u Arranġamenti Speċjali, bl-indirizz elettroniku:

sandrine.segers@eurocontrol.int, Tel. Nru. ++322 729.3681, *fax* ++32 2 729.9142,

u mill-*website* ta' l-Organizzazzjoni ta' l-*Eurocontrol*

http://www.eurocontrol.int/business/cfi.html

Il-5 ta' April, 2005

EUROCONTROL ORGANISATION

The Eurocontrol Organisation notifies that:-

Up to Monday, 18th April, 2005, the Procurement and Special Agreements Section of the Eurocontrol Organisation receives offers for:–

Advt. No. AO/05/HQ/SS/05. Post of Contract Manager.

Forms of tender and further information may be obtained up to 8th April 2005 from Ms Sandrine Segers, Procurement and Special Agreements Section, e-mail address:

sandrine.segers@eurocontrol.int, Tel. No. ++322 729.3681, fax ++32 2 729.9142,

and Eurocontrol Organisation's website

http://www.eurocontrol.int/business/cfi.html

5th April, 2005

ORGANIZZAZZJONI TA' L-EUROCONTROL

L-Organizzazzjoni ta' l-Eurocontrol tgħarraf illi:-

Sa nhar l-Erbgħa, is-27 ta' April, 2005, it-Taqsima tal-*Procurement* u Ftehim Speċjali ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Eurocontrol tilqa' offerti għal:–

Avviż Nru. AO/20/HQ/EC/05. EAS-3G- Provvista ta' *ground* u *airborne sub-sytems*.

Il-formoli ta' l-offerta u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu sal-20 ta' April 2005 mingħand Ms Eva Contreras Ynzenga, Taqsima tal-*Procurement* u Arranġamenti Speċjali, bl-indirizz elettroniku:

eva.contreras@eurocontrol.int, Tel. No. ++322 729.3727, fax ++32 2 729.9142,

u mill-*website* ta' l-Organizzazzjoni ta' l-*Eurocontrol*

http://www.eurocontrol.int/business/cfi.html

Il-5 ta' April, 2005

EUROCONTROL ORGANISATION

The Eurocontrol Organisation notifies that:-

Up to Wednesday, 27th April, 2005, the Procurement and Special Agreements Section of the Eurocontrol Organisation receives offers for:–

Advt. No. AO/20/HQ/EC/05. EAS-3G- Procurement of ground and airborne sub-sytems.

Forms of tender and further information may be obtained up to 20th April 2005 from Ms Eva Contreras Ynzenga, Procurement and Special Agreements Section, e-mail address:

eva.contreras@eurocontrol.int, Tel. No. ++322 729.3727, fax ++32 2 729.9142,

and Eurocontrol Organisation's website

http://www.eurocontrol.int/business/cfi.html

5th April, 2005

KUNSILL LOKALI KERĊEM

Il-Kunsill Lokali Kerċem jgħarraf illi sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Mejju, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Xogħol ta' kostruzzjoni sal-qatran u xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' sular wieħed, ġebel u saqaf.

L-offerti għandhom jiddikjaraw iż-żmien meta għandu jibda, progress u meta jitlestew ix-xogħlijiet.

Id-dokumenti ta' l-offerta jinġabru minn nhar it-Tnejn, il-11 ta' April, 2005.

Il-Kunsilll iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-istima tal-Perit tal-Kunsill hi ta' Lm33,000.

Jitħallas dritt ta' Lm50 għad-dokumenti ta' l-offerta.

Il-5 ta' April, 2005

KERĊEM LOCAL COUNCIL

The Kerċem Local Council notifies that sealed tenders will be received up to noon of Friday, 6th May, 2005, for:–

Construction of foundation works up to the damp line course and construction works of ground floor in shell form.

Tenderers must state the start date of works, progress and completion of works.

Tender forms may be obtained from Monday, 11th April, 2005.

The Council reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous.

The Council's Civil Engineer estimates the works for the sum of Lm33,000.

The tender documents cost Lm50.

5th April, 2005

KUNSILL LOKALI DINGLI

Il-Kunsill Lokali Dingli jgħarraf illi sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' April, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. DLC 1/05. Bini ta' ġnien pubbliku.

Id-data ta' din l-offerta ġiet estiża.

Id-dokumenti relattivi jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 2, Misraħ Ġużè Abela, Ħad-Dingli (Tel: 21456060) bejn it-8.00 a.m. u l-11.00 a.m. għall-ħlas ta' Lm30 kull kopja.

Tista' tiġi rifjutata kwalunkwe jew kull offerta.

Il-5 ta' April, 2005

DINGLI LOCAL COUNCIL

The Dingli Local Council notifies that sealed tenders will be received up to 11.00 a.m. of Friday, 29th April, 2005, for:–

Advt. No. DLC 1/05. Building of a public garden.

The date of this tender has been extended.

Relative documents can be obtained from the the Local Council, 2, Misraħ Ġużè Abela, Dingli (Tel: 21456060) from 8.00 a.m. and 11.00 a.m. against a fee of Lm30 for each copy.

Any or all offers can be refused.

5th April, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

667

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet ta' l-24 ta' Awissu 2004, il-Qorti Ċivili Prim Awla, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-24 ta' Awissu 2004, fuq talba ta' Donna Debono, ġie ordnat li jintgħażlu Kuraturi Deputati biex jirrapreżentaw lill-assenti Khairy Hadi Salem Shnag, fl-atti ta' l-ittra, fl-ismijiet 'Donna Debono vs Kuraturi Deputati' u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra għall-awtorizzazzjoni ppreżentata lir-Reġistratur tal-Qorti Diviżjoni tal-Familja, fl-ismijiet Donna Debono (KI 62284M) vs Kuraturi Deputati biex jirrapreżentaw lill-assenti Khairy Hadi Salem Shnag (K.I. 24631A), annessa għar-rikors ippreżentat fl-istess ġurnata ta' l-20 ta' Awissu 2004, għall-ħatra ta' Kuraturi sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Khairy Hadi Salem Shnag, ir-rikorrenti Donna Debono ddikjarat u talbet in virtù ta' din l-ittra;

Illi hija żżewwġet lil Khairy Hadi Salem Shnag, fit-23 ta' April 2002 u għandha tifla li twieldet fis-16 ta' Settembru 2002 u jisimha Shakira.

.....Omissis.....

Illi l-intimat irrenda ruħu ħati ta' eċċessi, inġurji u sevizzji u ta' vjolenza kemm fiżika kif ukoll morali fuqi, fejn darba ukoll hedded illi joqtol lit-tifla tagħna b'sikkina tal-ħobż u dana quddiem il-familja tiegħi.

.....Omissis.....

Illi ż-żwieġ tagħna tkisser irrimedjabbiliment u dana minħabba r-raġunijiet suċċitati, tali tkissir essendo unikament imputabbli lill-istess intimat;

.....Omissis.....

It is hereby notified that by a decree of the 24th August 2004, the Civil Court First Hall ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purposes of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts.

Whereas by decree given by this Court on the 24th August 2004, following a request of Donna Debono, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent Khairy Hadi Salem Shnag, in the records of the letter, in the names 'Donna Debono vs Deputy Curators' and in the relative and subsequent acts.

By means of a letter for authorization filed before the Registrar of Court Family Section, in the names Donna Debono (ID 62284M) vs Deputy Curators to represent the absent Khairy Hadi Salem Shnag (ID 24631A) , attached to the application filed on the same day of the 20th August 2004, for the appointment of Curators to represent the absent Khairy Hadi Salem Shnag, the applicant Donna Debono declared and asked in virtue of this letter;

That she married Khairy Hadi SaleM Shnag, on the 23rd April 2002, and has a daughter which was born on the 16th September 2002, named Shakira.

.....Omissis.....

That the respondent rendered himself guilty of excesses, grievous insults and threats and violence both physical and moral upon me, where once he threatened to kill our daughter with a bread knife and this before my family.

.....Omissis.....

That our marriage irretrievably broke down and this because of the reasons above mentioned, such breakdown being only due to the fault of the respondent;

.....Omissis.....

Għaldaqstant in vista tal-premess nitlob bir-rispett sabiex dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha;

tawtorizza lili Donna Debono sabiex nipproċedi biex nibda kawża għall-firda personali kontra r-raġel tiegħi Khairy Hadi Salem Shnag u nissepara a mensa et thoro minn ma' l-intimat, ai termini tar-Regolament 4(1) ta' l-Avviż Legali 397 ta' l-2003;

tagħti ordni proviżorju ai termini tar-regolament 4(13) ta' l-Avviż Legali 397 ta' l-2003 sabiex jiġu kkawtelati l-interessi tiegħi u ta' bintna Shakira, billi tafda esklussivament f'idejja r-rikorrenti l-kura u kustodja ta' l-istess wild minuri Shakira;

tagħti ordni provviżorju ai termini tar-regolament 4(13) ta' l-Avviż Legali 397 ta' l-2003; sabiex jiġu kkawtelati l-interessi tiegħi u ta' bintna Shakira, billi takkorda manteniment pendente lite illi għandu jitħallas mill-intimat lili Donna Debono kif ukoll għal bintna Shakira.

iff. Donna Debono ID 62284(M)

Esponenti: Clifton Court, Flat 1, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fi żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Imħallef Tonio Mallia, LL.D., Duttur tal-Liġi.

Illum 24 ta' Awissu 2004.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 1 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

Thus in view of the above prays with respect that this Honourable Court;

authorize that Donna Debono proceed to institute the cause for personal separation against her husband Khairy Hadi Salem Shnag and separate a mensa et thoro from the respondent, in terms of Regulation 4(1) of Legal Notice 397 of 2003;

to make a provisional order in terms of regulation 4(13) of Legal Notice 397 of 2003,in order to safeguard her rights and those of their daughter Shakira, by entrusting exclusively in her hands the applicant the care and custody of the same minor daughter Shakira;

to give a provisional order in terms of regulation 4(13) of Legal Notice 397 of 2003; in order to safeguard my rights and of our daughter Shakira, by giving maintenance pendent lite which is to be paid by the respondent to Donna Debono as well as our daughter Shakira.

Sgd. Donna Debono ID 62284(M).

Applicant: Clifton Court, Flat 1, Tourists Street, St. Paul's Bay.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear within six days within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Civil Court above mentioned with the witness of Judge Tonio Mallia, LL.D., Doctor of Laws.

Today 24th August 2004.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 1st April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

668

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tas-17 ta' Ġunju 2004, il-Qorti Ċivili Prim Awla ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi.

REPUBBLIKA TA' MALTA.

Lill-Marixxall tal-Qorti.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-17 ta' Ġunju 2004, fuq talba ta' Godwin Mifsud, ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati biex jirrapreżentaw lis-sidien mhux magħrufa taċ-ċens fuq il-garaxx bla numru bl-isem 'Topper', Triq Ħal Qormi, il-Marsa, fl-atti taċ-ċedola, Godwin Mifsud vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' Depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ippreżentata fl-10 ta' Ġunju 2004, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Godwin Mifsud, bin il-mejjet Francis u Josephine neè Agius, imwieled Raħal Ġdid u residenti Madliena bin-numru tal-karta ta' l-identità 830857(M) vs Kuraturi Deputati, ir-rikorrenti Godwin Mifsud espona bir-rispett;

Illi b'kuntratt (kopja hawn annessa u mmarkata Dok A) ta' 11 ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u sitta u disgħin (1996) fl-atti tan-Nutar Dottor John Patrick Hayman l-esponenti akkwista mingħand Godfrey u Antoinette Saliba l-garaxx bla numru u bl-isem 'Topper', qabel bl-isem 'Daytona' fi Triq Ħal Qormi, il-Marsa liema garaxx nbiegħ mingħajr arja u jikkonfina lil-Lvant mat-triq imsemmija, minn Nofsinhar ma' beni ta' Joseph Debattista u mit-Tramuntana ma' beni ta' Gaetano Azzopardi jew irjieħ verjuri, kif soġġett l-istess garaxx għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' erbatax -il lira Maltin (Lm14) altrimenti liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu.

Illi dan iċ-ċens l-esponenti ma jafux lil min hu pagabbli.

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakoltà mogħtija mill-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u jifdu dan iċ-ċens annwu u perpetwu.

Illi dan iċ-ċens annwu u perpetwu kapitalizzat bil-5% jammontaw għal mitejn u tmenin lira Maltija (Lm280.00).

Għaldaqstant l-esponenti qed jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u jiddepożitaw taħt l-awtorità tagħha s-somma ta' mitejn u tmenin lira Maltija li jridu jitħallsu lil Kuraturi Deputati. Dawn l-ammonti jridu jiġu liberament mogħtija lill-intimati wara li titħalla id-debita riċevuta skond il-liġi.

It is hereby notified that by a decree of the 17th June 2004, the Civil Court First Hall has ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purposes of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators.

REPUBLIC OF MALTA.

To the Marshal of the Courts.

Whereas by decree given by this Court of the 17th June 2004, on request of Godwin Mifsud it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the unknown owners of the groundrent imposed on the garage without number named'Topper' in Qormi Street, Marsa in the records of the schedule Godwin Mifsud vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of Schedule of Deposit and Redemption of groundrent filed on the 10th June 2004, in the First Hall Civil Court, in the names Godwin Mifsud, son of the late Francis and Josephine neè Agius, born in Paola and residing in Madliena, bearing number 830857(M) vs Deputy Curators, the applicant Godwin Mifsud pleaded with respect;

That in virtue of a contract (a copy hereby attached and marked Doc A) of the 11th November of the year one thousand nine hundred and ninety six (1996) in the records of Notary Dr John Patrick Hayman, the applicant acquired from Godfrey and Antoinette Saliba the garage without number and named 'Topper' previously named 'Daytona' in Hal Qormi Road, Marsa which garage was sold without the airspace and borders on the East with the said Street, on the South with property of Joseph Debattista and on the North with property of Gaetano Azzopardi or more correct boundaries, as subject the said garage to the annual and perpetual groundrent of fourteen Maltese liri (Lm14) otherwise free and unencumbered with all its rights and appurtenances.

That the applicant does not know to whom this groundrent is payable.

That the applicant wishes to avail himself from the faculty given by Article 1501 of the Civil Code and redeem this annual and perpetual goundrent.

That this annual and perpetual groundrent capitalized at 5% amounts to two hundred and eighty Maltese liri (Lm280.00).

Thus the applicant is calling upon this Honourable Court and depositing under its authority the sum of two hundred and eighty Maltese liri which are to be paid to the Deputy Curators. These amounts are to be freely withdrawn by the respondents after the due receipt according to law is left according to law.

Esponenti: Godwin Mifsud, 'Villa Margod', Ta' Marmora, San Ġwann, ID Numru 830857(M).

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur sabiex fi żmien sitt ijiem jidher f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fi żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla hawn fuq imsemmija
Bix-xhieda ta' l-Imħallef Noel Cuschieri, LL.D. Duttur tal-Liġi.

Illum 17 ta' Ġunju 2004.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 1 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELL, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant: Godwin Mifsud, 'Villa Margod', Ta' Marmora, San Ġwann, ID Number 830857(M).

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he does not make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to select curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform this Court forthwith.

Given by the aforementioned Civil Court First Hall
With the witness of Judge Noel Cuschieri, LL.D. Doctor of Laws.

Today 17th June 2004.

Registry of the Superior Courts, today 1st April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

669

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Frar 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fil-31 ta' Mejju 2004, bin-numru 1948/04 fl-ismijiet: HSBC Bank Malta p.l.c. vs Ideal Dwellings (Turnkey) Ltd (C20995) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(5) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fil-31 ta' Mejju 2004, lil Ideal Dwellings (Turnkey) Ltd, Ideal Dwellings, R. Mifsud Bonnici Street, Lija, c/o Fenix Real Estate Ltd, Helen Flats/1, Triq Andrew Cunnigham, San Pawl il-Baħar, is-soċjetà HSBC Bank Malta p.l.c. ta' 116, Archbishop Street, Valletta (C 3177) interpellat lis-soċjetà intimata sabiex fi żmien jumejn iħallsu s-somom ta':

Tmienja u sittin elf disa' mija tnejn u erbgħin Lira Maltija u tlieta u sittin ċenteżmu (Lm68,942.63), oltre l-imgħaxijiet legali fis-sena mid-data tal-preżenti ittra sad-data tal-pagament effettiv minnkom dovuti fuq kont bin-numru 11 101 4299 liema kont ġie rinumerat 011-073822-340.

Disgħa u tmenin elf tmien mija wieħed u disgħin Lira Maltin u disgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm89,891.29), oltre l-imgħaxijiet legali fis-sena mid-data tal-preżenti ittra sad-data tal-pagament effettiv minnkom dovuti fuq kont bin-numru 11 101 4302 liema kont ġie rinumerat 011-073822-341.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 16th February 2005, in the records of the judicial letter filed on the 31st May 2004 bearing number 1948/04 in the names: HSBC Bank Malta p.l.c. vs Ideal Dwellings (Turnkey) Ltd (C 20995) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company in terms of Article 187(5) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall Civil Court, on the 31st May 2004, against Ideal Dwellings (Turnkey) Ltd, Ideal Dwellings, R. Mifsud Bonnici Street, Lija, c/o Fenix Real Estate Ltd, Helen Flats/1, Andrew Cunnigham Street, St. Paul's Bay, the company HSBC Bank Malta p.l.c. of 116, Archbishop Street, Valletta (C 3177) called upon the respondent company so that within two days they pay the sums of:

Sixty eight thousand nine hundred and forty two Maltese Liri and sixty three cents (Lm68,942.63) besides legal interests per annum from the date of the present letter till the date of effective payment due by you on account number 11 101 4299 which account was renumbered 011 - 073822-340.

Eighty nine thousand eight hundred and ninety one Maltese liri and twenty nine cents (Lm89,891.29), besides legal interests per annum from the date of the present letter till the date of effective payment due by you on account number 11 101 4302 which account was renumbered 011- 073822-341.

Elfejn erba' mija u sittax-il lira Maltija u ħamsa u sittin Ċenteżmu (Lm2,416.65) oltre l-imgħaxijiet legali fis-sena mid-data tal-preżenti ittra sad-data tal-pagament effettiv minnkom dovuti fuq kont bin-numru 4568825010156947 liema kont ġie rinumerat 011-073822-342.

Wieħed u tletin elf mitejn u tmenin Lira Maltin u disgħa u tletin ċenteżmu (Lm31,280.39), oltre l-imgħaxijiet legali fis-sena mid-data tal-preżenti ittra sad-data tal-pagament effettiv minnkom dovuti fuq kont bin-numru 011-073822-001 liema kont ġie rinumerat 011-073822-343.

Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma huwiex possibbli u teħtieġu żmien itwal għall-ħlas b'rati mensili, intom tistgħu tammettu d-dejn tagħkom mal-Bank permezz ta' att notarili. Jekk tingħażel din it-triq intom mitluba illi fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data ta' din l-ittra tavżaw lill-Bank u tqabbdu Nutar.

Din l-ittra sservi biex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mil-Liġi ai termini ta' l-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Fin-nuqqas jittieħdu passi bil-Qorti kontra tagħkom mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 4 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Two thousand four hundred and sixteen Maltese liri and sixty five cents (Lm2,416.65) besides legal interests per annum from the date of the present till the date of effective payment due by you on account bearing number 4568825010156947 which account was renumbered 011-073822-342.

Thirty one thousand two hundred and eighty Maltese Liri and thirty nine cents (Lm31,280.39), besides legal legal interest per annum from the date of the present letter till the date of effective payment due by you on account bearing number 011-073822-001 which account was renumbered 011-073822-343.

In order to avoid useless Court expenses, if the payment of the debt within the time above indicated is not possible and you require longer time for the payment by monthly instalments, you can admit your debt with the Bank by means of a notarial deed. If you choose this course of action you are asked so that within fifteen days from the date of this letter you inform the Bank and appoint a Notary.

This letter serves to interrupt prescription and in thus required by Law in terms of Article 2128 of the Civil Code (Chapter 16 of the Laws of Malta).

Failing which Court action will be taken against you without any other prior notice.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs.

Registry of the Superior Courts, today, 4th April 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

670

